# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 1858/99mm**

**Joseph Rosso esercenti n-negozju f'isem Glass Fibre Industries u Sealink Marine Centre**

**Vs**

**Fibremar Limited u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar, 2000, il-kelma 'Fibremar' giet korretta bil-kelma 'Fibermar'**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-21 ta' Dicembru, 1999, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attur s-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm997.65) prezz ta' materjal mibjugh lis-socjeta' konvenuta mill-attur u debitament lilha kkonsenjat bejn Marzu, 1998, u Settembru, 1998.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta u r-rapprezentanti taghha li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta' konvenuta, kif citata, ma tezistix;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi s-socjeta' konvenuta ma hi dovuta li taghmel ebda hlas lill-attur, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir tal-provi f'din il-kawza;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-ammont pretiz mill-attur gie pacjut ma' debitu ekwivalenti dovut mill-istess attur lis-socjeta' konvenuta, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir tal-provi f'din il-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghal kull dritt ta' azzjoni favur is-socjeta' konvenuta kontra l-attur fir-rigward tad-debitu dovut mill-attur lill-istess socjeta' konvenuta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn l-attur u is-socjeta' konvenuta gestita minn Arthur Farrugia kien hemm relazzjoni kummercjali tajba hafna.  Kien kemm akkont miftuh bejnithom fejn is-socjeta' konvenuta kienet tixtri l-materja prima minghand l-attur u dan min-naha tieghu jordna xi materjal minghand is-socjeta' konvenuta.

Din ta' l-ahhar kienet tinnegozja principalment fil-*firbre glass* illi kien qed jigi fornit mill-attur, li oltre l-importazzjoni tal-*fibre glass* kien ukoll jinnegozja fil-*cabin cruisers* tat-tip *Bayliner*.

Darba minnhom saret proposta fejn il-mahzen tas-socjeta' konvenuta jintuza ghall-*winterising* jew *storage* ta' *cabin cruisers* sakemm jiddisponi minnhom l-attur.

Fl-1993 gew importati tliet *cabin cruisers* illi gew mahzuna f'dan il-mahzen tas-socjeta' konvenuta.  Peress illi ghadda z-zmien, il-partijiet mhumiex qed jaqblu dwar it-tul ta' *winterising*  illi sar fuq dawn id-dghajjes.

Il-Qorti pero' taghmel referenza ghad-dokument ipprezentat mill-attur fejn hemm indikata d-data ta' l-importazzjoni ta' dawn id-dghajjes u kemm damu fl-imhazen tas-socjeta' konvenuta.

Jidher illi din l-ahhar socjeta' qeda tallega li ma thallsitx ghal dan il-*winterising* u di piu' kienet immanifatturat zewg tankiijiet ta' l-ilma ghall-attur li baqghu ma thallsux.

L-attur qieghed jikkontesta din it-talba u jghid illi fil-fatt kienet saret laqgha fejn gew diskussi l-pendenzi li kien hemm.  Waslu fi ftehim u sar il-hlas.  Inkluz f'dan il-ftehim kien hemm il-prezz ta' tank wiehed peress illi t-tank l-iehor ma kienx ghall-attur izda ghal xi klijent tieghu illi ried juzah ghat-tisqija tal-gonna.

L-attur jghid illi wara li sar dak il-ftehim u il-hlas, is-socjeta' konvenuta kompliet tordna xi materjal minghandu.  Tant hu hekk illi saru erba' konsenji, wahda fit-30 ta' Marzu, 1998, ohrajn fit-22 ta' Gunju, 1998, fl-24 ta' Gunju, 1998, u fid-9 ta' Settembru, 1998.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' l-attur a Fol. 13 fejn hemm spjegat dawn il-fatturi kif ukoll il-pagament ta' hames mitt lira u wahda u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm501.25) li ghamlet is-socjeta' konvenuta fuq l-ewwel konsenja.  L-attur spjega wkoll il-bilanc ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm997.65) li milli jidher mhuwiex ikkontestat mis-socjeta' konvenuta.

Din qed tghid pero' illi ghandha tiehu minghand l-attur ghal dan l-i*storage*, kif ukoll ghal manifattura tat-tankijiet ta' l-ilma u b'hekk l-ammonti gew pacjuti u m'ghandha taghti xejn lill-attur.

Fil-fatt fl-eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qeda proprju teccepixxi t-tpacija fil-konfront tat-talba ta' l-attur.

Ikkunsidrat:

It-tpacija hija regolata bl-Artikoli 1196 (1) u (2) u l-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili.  Dak ta' l-ewwel jghid, "Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejnithom it-tpacija." Sub section 2, "It-tpacija ssir 'ipso jure' ukoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs."  L-Artikolu 1197 ikompli, "It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci u li jkunu t-tnejn likwidi u li jkunu jistghu jintalbu."

Din ir-regola hija wahda li taghmilha cara li biex it-tpacija tista' tapplika, jrid ikun hemm element ta' certezza u ezatezza fiz-zewgt idjun.  Ifisser illi jekk hemm xi dubbju dwar l-ammont tad-dejn jew it-tip, tpacija ma tistax issehh.  Dan huwa fil-fatt konformi mat-taghlim tal-Gurisprudenza taghna illi wkoll qatt ma accettat tpacija meta jkun hemm xi dubbju jew inkella parti mid-dejn ikun ikkontestat.

Hekk qalet il-Qorti ta' l-Appell f'kawza deciza fil-25 ta' Jannar, 1988, fl-ismijiet L-Onorevoli Carm Lino Spiteri vs DPW meta qalet fost affarijiet ohra, li ma tistax issir tpacija meta d-dejn illi qed jallega illi ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esikwibbli jew ta' l-anqas facilment likwidabbli.  It-tpacija l-anqas ma tista' topera 'ipso jure' jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra (ara wkoll Anastasi vs Dickson P. A. 3 ta' Novembru, 1982 u Philip Grech vs Ronald Mifsud Et Noe Kummerc, 6 ta' April, 1982).

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi t-talba tas-socjeta' konvenuta hija pjuttost nebulusa u qatt ma esebit xi fatturi bhala gustifikazzjoni ghat-talba taghha, l-attur dejjem innega illi huwa ghandu jaghti xi ammont ta' flus lis-socjeta' konvenuta. Jekk kellu jaghti xi haga kien fil-passat u dawn thallsu u meta ntbaghatet il-merkanzija msemmija fl-Avviz parti minnha baqghet ma thallsitx. Il-Qorti ma tistax ma toqghodx fuq il-precizjoni tad-dokumenti u ix-xhieda ta' l-attur u meta hija daqshekk kuntrastata bin-nuqqas ta' dokumenti u xhieda vaga li taw ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. Dana probabbilment huwa dovut ghat-trapass ta' zmien fejn allura jaghti aktar ragun lill-attur li baqa' jinnega illi ghandu jaghti xi flus lis-socjeta' konvenuta. Min-naha l-ohra din qatt ma nnegat illi ghandha taghti dan l-ammont lill-attur. Kien biss fuq din l-eccezzjoni ta' tpacija illi bbazat il-kaz taghha, kaz illi m'huwiex car u certament kontestat mill-attur.

Ghalhekk f'din is-sitwazzjoni t-tpacija ma tistax issir. Mill-bqija l-Qorti jidhrilha li l-attur ipprova l-kaz tieghu li jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attur s-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm997.65) prezz ta' materjal mibjugh lis-socjeta' konvenuta mill-attur u debitament lilha kkonsenjat bejn Marzu, 1998, u Settembru, 1998.

Bl-ispejjez u l-imghaxijet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur